ĦAL BALZAN

L-EWWEL SENA Nru 1 | LEĦEN IL-KUMITAT ĊIVIKU | SETTEMBRU/OTTUBRU, 1971

MELITENSIA
MAIN LIBRARY

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN

QABEL MA WIEĦED JIBDA BIEX JISTUDJA U JSIR JAF L-ISTORJA TA' BELT JEW RAĦAL, JEĦTIEĠ LI L-EWWEL MA JAGĦMEL HU LI JEŻAMINA T-TOPOGRAFIJA, IL-POŻIZZJONI U L-KLIMA TAL-POST. GĦALHEKK QABEL MA NARAW L-IŻVILUPP STORIKU, ĊIVIKU-SOĊJALI U RELIĠJUŻ TA' ĦAL BALZAN, NIBDEW BILLI GĦAL DIN ID-DARBA, NARAW IT-TOPOGRAFIJA, IL-MOTTO, L-ARMA, U L-ISEM TA' DAN IL-POST.

minn Ġi Di.

TOPOGRAFIJA

Ħal Balzan qiegħed kważi fin-nofs sewwa ta' Malta. Qiegħed taħt ir-riħ tan-Naxxar u tat-Triq tar-Rabat. Imiss ma' l-irħula ta' Ħ'Attard u Ħal Lija fuq naħa u fuq l-oħra ma' Birkirkara.

Dan ir-raħal hu għoli mal-150 pied minn wiċċ il-baħar u jibqa' jogħla bil-mod aktar ma wieħed jersaq lejn Ħal Lija u Ħ'Attard. Id-distanza ta' Ħal Balzan mill-belt Valletta hija ta' 3⅜ mili u ta' 3 mili mill-Imdina, il-belt il-qadima. Ħal Balzan jinfirex fuq medda ta' xi 5,600 tomna raba'.

Jekk neżaminaw il-pjanta ta' dan il-post, nindunaw li Ħal Balzan hu kważi minn kullimkien imdawwar bil-widien. Fuq naħa nsibu l-wied li jaqbad minn ħdejn iċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija fit-triq tal-Mosta, jaqleb għal ġo "Triq il-Wied" jgħaddi minn quddiem iċ-Ċimiterju tar-raħal u jibqa' nieżel għal ġol-wied ta' Birkirkara. Min-naħa l-oħra nsibu wied ieħor li jinżel b'anqas qawwa mill-ieħor. Dan jibda minn ġo Ħ'Attard, jgħaddi minn quddiem il-ġonna ta' San Anton, jinżel minn Triq San Anton u jiltaqa' fit-tarf ta' Ħal Balzan ma' dak li jkun ġej mill-wied ta' Ħal Balzan u jibqa' sejjer lejn il-wied ta' Birkirkara. Dawn iż-żewġ widien li jgħaddu ma' kull naħa ta' Ħal Balzan jispiċċaw billi fejn jiltaqgħu flimkien, jiffurmaw forma ta' pizz, fejn illum hemm il-bini magħruf b'tas-Sur Fons.

Il-blat ta' Malta huwa magħmul minn ħames saffi differenti. Qegħdin hekk wieħed fuq l-ieħor: 1. Żonqor tal-Wiċċ jew tal-Qawwi. 2. Ġebla Ramlija. 3. Tafal. 4. Franka. 5. Żonqor ta' taħt. Nistgħu ngħidu li Ħal Balzan qiegħed kollu kemm hu fuq il-Franka. Xhieda ta' dan huma l-barrieri u l-ispieri li nsibu f'partijiet differenti ta' dan il-post. Il-ħamrija li ddepożitat ruħha fuq il-ġebla tal-franka u fuq il-firxa ta' dan il-post hija mill-aħjar u għalhekk ipproduċiet sa mill-qedem l-aħjar prodotti.

X'uħud mir-raba' ta' Ħal Balzan huwa magħruf b'ta' Dmejda, ta' l-Imrieħel, tad-Dingejru, tal-Gozzu, tal-Bajjada u taz-Zekkuk.

Il-pożizzjoni ta' Ħal Balzan, fiċ-ċentru tal-Gżira, ir-raba' tajjeb u għammieli, milqugħ mill-irjieħ kiesħa tat-Tramuntana min-Naxxar, mill-Iklin u minn tal-Balal, 'il bogħod mir-raxx tal-baħar, ħajru lill-ewwel nies ta' dawn l-inħawi biex jipprofittaw ruħhom minn dawn il-faċilitajiet li joffri dan il-post u ħasbu biex idawru lil dan ir-raħal bil-ġonna.

X'fihom il-ġonna li bihom hu mdawwar Ħal Balzan? Prinċipalment insibu fihom il-frott li għalih huma msemmija dawn l-inħawi: nsibu għadd kbir ta' siġar tal-lariġ, tal-lumi u tal-mandolin, kif ukoll ta' frott ir-qiq u bosta pjanti ta' ward u fjuri ta' kull lewn u kwalità.

Hu magħruf li s-siġar tal-lariġ ġew imdaħħla f'Malta fis-seklu disgħa mill-Għarab u s-siġar tal-lumi ġew imħawla f'pajjiżna mir-Rumani. Insibu li bosta mill-ġonna antiki tagħna ġew mgħammra bis-siġar tal-lariġ fis-sekli sbatax u tmintax, għad li nstabu siġar tal-lariġ li kienu mħawla bosta qabel dawn is-sekli li qed insemmu (1).

Bosta mil-lariġ u lumi li kienu jinqatgħu mis-siġar tal-ġonna ta' dawn l-inħawi kienu jiġu esportati mhux biss għall-pajjiżi tal-Mediterran, iżda wkoll għall-Amerika, l-Afrika t'isfel u l-Awstralja. Skond il-Gwida ta' Malta ta' Giovanni Muscat tas-sena 1889 insibu li Annunzjato Azzopardi u Michele Azzopardi kif ukoll fl-1890 lil Francesco Debono u aktar 'il quddiem lil Francesco Gauci u lil Carmelo Muscat, kollha Balzanin, bħala esportaturi ta' dawn il-frottijiet.

Fil-"Malta Illustrata" ta' Abela Ciantar, dwar l-inħawi ta' Ħal Balzan, insibu li dan il-post fih dehra sabiħa tassew, għaliex hu kollu miżgħud bis-siġar taż-żebbuġ, tal-lewż, tal-ħarrub u tal-ballut. Jingħad ukoll li wieħed barrani li nzerta qed idur f'dawn l-inħawi baqa' tant mistagħġeb bil-ġmiel ta' dan il-post li beda jfaħħar lil dawk il-bdiewa li beda jiltaqa' magħhom għax-xogħol u l-mod għaqli li bih kienu qed jieħdu ħsieb dan il-post (2). Kienu dawn il-kondizzjonijiet mill-aħjar li ħajru lill-Gran Mastru Antoine de Paule biex fis-sena 1625 jippjanta l-Ġonna ta' San Anton f'dawn l-inħawi.



NIXTIEQU L-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD

L-ARMA TA' ĦAL BALZAN

L-arma ta' Ħal Balzan hi: Fuq kamp tal-fidda, tliet faxxi orizzontali, tan-nofs ħamra u l-oħrajn ħodor.

X'tifsira nistgħu nagħtu lil din l-arma? Tista' turi l-Virtujiet Teologali: Il-kamp tal-fidda = il-Fidi, il-faxxi ħodor = it-Tama, u l-faxxa ħamra = l-imħabba.

Tifsira oħra tista' tkun din: Il-faxxi l-ħodor juru l-kulur tas-siġar ħodor li, mħarsin u msoqqijin tajjeb, jagħtu l-frott kotran. Il-faxxa l-ħamra, kulur li juri l-imħabba għax-xogħol u l-ħidma li n-nies ta' dan il-post iwettqu ma' l-art għammiela tagħhom. Il-kamp tal-fidda jixhed il-prezz tajjeb li jirċievu l-ħaddiema bħala ħlas tal-bżulija fix-xogħol tagħhom.

IL-MOTTO

Żgur li kienet id-dehra ta' għadd ta' ġonna mdawrin minn ħitan għolja tal-ġebel ta' kull daqs u forma, saħansitra ta' ġebel tas-sejjieħ, li jagħlqu bosta raba' ta' dan il-post li nebbħet biex jiġi magħżul il-Motto ta' Ħal Balzan: "Hortibus undique septa" li jfisser: "Imdawwar bil-ġonna minn kullimkien".

Għad li f'dawn l-aħħar snin x'uħud minn dawn il-ġonna ġew meqruda minn ġo fihom siġar tal-lariġ u tal-lumi li kienu ilhom imħawla u jagħtu frott għal bosta snin sabiex flokhom tela' l-bini, s'issa għadu jeżisti għadd sabiħ ta' ġonna li jagħtu xhieda ta' dan il-Motto. Biex insaħħu dan li qed ngħidu, biżżejjed li wieħed idur dawra mar-raħal u jara b'għajnejh stess. Kull min għandu għal qalbu dan il-Motto u jrid li ma jintilifx, għandu jibża' għal dan il-wirt imħolli minn missirijietna.

L-ISEM TA' ĦAL BALZAN

Minn fejn hu ġej l-isem Ħal Balzan? Nafu li l-kelma 'Ħal' tfisser raħal, iżda 'Balzan'? Għal dan għandna diversi nterpretazzjonijiet.

Hemm min igħid li l-kelma 'Balzan ġejja mill-kelma "Balsamo" li tfisser "fwieħa" — il-fwieħa tar-riħa taż-żahar tal-lariġ. Fil-"Malta Illustrata" nsibu li Ħal Balzan ħa l-isem minn "Balsan" li jfisser: wieħed li jiġbor id-dazju jew ħaraġ. Insibu wkoll li dan l-isem ġej minn isem ta' ċerta familja Maltija (3).

Castagna jgħidilna li Ħal Balzan ħa l-isem minn kunjom ta' familja għanja li kienet minn ta' l-ewwel li kienet toqgħod f'dan il-post (4).

Dan hu ftit tagħrif fil-qosor tal-bidu dwar Ħal Balzan. Darb'oħra niktbu dwar: "L-irziezet u l-ewwel djar ta' Ħal Balzan".

Referenzi:

1. Paul Cassar "The Meaning of the Maltese Countryside" p. 40
2. Abela Ciantar "Malta Illustrata" lib 1. Not. VII par. XXVI.
3. Abela Ciantar "Malta Illustrata" lib 1. Not. VIII par XXVI.
4. PP. Castagna "Storja ta' Malta" III parti p. 152.

Minn din l-ewwel ħarġa bdejna sensiela ta' artikoli, miktubin minn bniedem li joqgħod Ħal Balzan għalkemm mhux imwieled Ħal Balzan. Dawn l-artikoli jixhdu l-interess kbir tiegħu fl-istorja tal-Parroċċa tagħna.

BE SMART
LOOK SMART
WEAR SMART
GET A SMART SHIRT
FROM
SMART SHIRTS FACTORY
NAXXAR ROAD,
BALZAN
Tel. No. 42728
MANUFACTURERS FOR WHOLESALERS
AND RETAILERS OF SHIRTS

EDITORJAL

L-EWWEL HARĠA

Fl-aħħar il-ħolma seħħet! Il-Kumitat Ċiviku — Balzan qiegħed jagħti f'idejn il-poplu gazzetta li biha jrid jibda jgħarrfu b'dak kollu li jseħħ fil-kumitat, bl-organizzazjonijiet tiegħu, bl-ilmenti li jpoġġi quddiem il-Gvern, kif ukoll biex jagħtih aktar tagħrif dwar il-parroċċa.

Mhux faċli li tistampa gazzetta. Trid iż-żmien kemm għall-ġbir ta' materjal kif ukoll għall-ġbir tal-flus; imma bil-ħeġġa u l-paċenzja kollox iseħħ. Għamilna l-ewwel pass u l-Kumitat jispera li ma jkunx wieħed biss imma aktar u aktar. Biex iseħħ dan hemm bżonn il-ko-operazzjoni tal-Balzanin infushom li għalihom qed tiġi stampata din il-gazzetta. Hemm bżonn ta' l-għajnuna mhux biss fil-ġabra ta' materjal iżda wkoll ta' finanzi. Hemm bżonn ukoll dik il-kelma ta' kuraġġ li biha l-bniedem jagħmel ħwejjeġ kbar. Il-kritika kostruttiva hija tajba imma l-kritika destruttiva ddejjaq u tmewwet il-qalb.

Kulħadd jaf li hemm differenza kbira bejn ħolm u realtà, bejn dak li tgħid li trid tagħmel għalli tagħmlu. Hekk jiġri f'kull ħaġa li tkun għadha tibda. Fil-bidu ħuġġieġa waħda, mbagħad maż-żmien il-ħeġġa tnin u l-ġamra tmut.

Iżda dan ma jiġrix jekk il-kelma tal-kuraġġ u l-mogħdrija għal xi nuqqasijiet ma jonqsux. Ma jiġrix jekk il-'files' tagħna jkunu mimlija b'artikoli u poeżiji lesti għall-pubblikazzjoni. Ma jiġrix jekk butna jkollhom biżżejjed flus biex inlaħħqu ma' l-ispejjeż tal-istampa.

Il-għan tagħna kulħadd jifhmu. Nixtiequ nagħtu aktar tagħrif dwar l-għaqdiet ta' Ħal Balzan, dwar l-attivitajiet soċjali, kulturali u edukattivi li jsiru fil-parroċċa, kif ukoll dwar dak kollu li jsir fil-Kumitat Ċiviku. Nixtiequ li nagħtukom tagħrif dwar nies prominenti li kienu jgħixu f'Ħal Balzan kif ukoll dwar kif il-parroċċa tagħna nbiet matul is-snin sakemm saret kif nafuha llum. Nisperaw li, bl-għajnuna t'Alla, dan il-għan nilħquh u l-poplu jkun sodisfatt b'dak li nistampaw għalkemm li tikkuntenta 'l kulħadd mhux dejjem possibbli.

Kull min għandu xi materjal għall-pubblikazzjoni, kif ukoll min b'qalb ġeneruża lest li joffri xi ħaġa biex inkunu nistgħu nilħqu ma' l-ispejjeż ta' l-istampa. hu ġentilment mitlub li jibgħathom għand is-Segretarju tal-Kumitat Ċiviku, c/o St. Gabriel Band Club; jew inkella jkellem lil xi wieħed mill-membri tal-Board Editorjali li huma:

Is-Sur Arthur Castillo.
Is-Sur Guido Borg.
Is-Sur Charles Bezzina.
Is-Sur Charles Bonello.
Is-Sur John Darmanin.

KONKORS GĦALL-BELT JEW RAĦAL MIŻMUM L-AHJAR

Dan l-aħħar ġie mniedi konkors, li se jibda jsir kull sena, għall-belt jew raħal miżmum l-aħjar. Fil-kliem tal-President tal-Kumitat organizzattiv, il-Professur Coleiro, "dan qed isir sabiex joħloq inċentiv għall-Kumitati Ċiviċi (jew organizzazjonijiet oħra) f'Malta u Għawdex fil-qasam tal-ħidma tagħhom li għandu x'jaqsam ma' titjib fis-sbuħija naturali tal-ibliet u l-irħula, u biex iqanqal fin-nies ta' kull belt jew raħal sens ta' ko-operazzjoni u kburija Ċivika fiż-żamma, fid-dehra, u fl-indafa ġenerali tal-post fejn joqogħdu."

Hija x-xewqa tal-Kumitat li l-ibliet u rħula jiġu ġudikati matul ix-xhur t'April u Mejju, madankollu, għal din is-sena dan ser isir bejn il-15 ta' Novembru u l-15 ta' Diċembru. Għal din is-sena wkoll il-Konkors ser ikun miftuħ għal dawk l-ibliet u l-irħula ta' Malta li għandhom popolazzjoni ta' mhux aktar minn 8,000 ruħ.

L-ibliet u l-irħula se jiġu ġudikati dwar indafa ġenerali, rispett lejn l-antikitajiet u sbuħija naturali, kontroll ta' reklamar u lwien, u dwar iż-żamma ta' mkejjen ta' divertiment u logħob, postijiet fejn m'hemmx bini, u mkejjen oħra pubbliċi.

Il-belt jew raħal rebbieħ jingħata trofew kbir maħdum mill-ħadid biex jitqiegħed għal tul sena shiħa f'post l-aktar li jidher. F'għeluq is-sena tingħata replika żgħira ta' dan it-trofew lill-Kumitat Ċiviku jew organizzazzjoni oħra li kellha x'taqsam mal-Konkors. It-trofew ser jiġi ddisinjat u maħdum f'Malta. Il-Kumitat ser jagħti wkoll premjijiet oħra u diplomi li jservu ta' inkoraġġiment sabiex kull ċittadin fl-ibliet u l-irħula jgħin biex jintlaħaq l-iskop tal-Konkors.

Il-Kumitat Ċiviku — Balzan beħsiebu jidħol għal dan il-Konkors u għalhekk jixtieq iħeġġeġ il-Balzanin kollha biex kemm jista' jkun jikko-operaw miegħu billi joqogħdu għad-direttivi li jagħti kif ukoll billi jattendu għal xi konferenzi jew attivitajiet li jorganizza.

ĊELEBRAZZJONI TAT-8 TA' SETTEMBRU

Bħal kull Kunsill Ċiviku ieħor f'Malta, l-Kumitat tagħna, ħa ħsieb li jiċċelebra l-festi Nazzjonali. Fil-Pjazza Prinċipali tal-parroċċa ġew armati xi bandalori kif ukoll l-istatwa ta' Malta. Fis-6 ta' Settembru, 1971, fis-7.15 p.m. indaqq l-Innu Nazzjonali u ġiet imtella' l-Bandiera ta' Malta Sar diskors ta' l-okkażjoni mit-Tabib Maurice Ellul kif ukoll inqraw xi poeżiji mill-membri tal-Kumitat Ċiviku.

Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li għinu biex din iċ-ċelebrazzjoni tkun success.

PROGRAMM TAL-FESTI TITULARI F'ĠIEH MARIJA ANNUNZJATA F'ĦAL BALZAN

FESTI FIL-KNISJA:

Is-Sibt, 25 ta' Settembru — Lejlet il-Festa:
7.15 a.m. Quddiesa solenni bil-mużika. Te Deum. Antifona.
9.00 a.m. Quddiesa bil-kant mill-Kor Parrokkjali għall-morda tal-Parroċċa, tqarbin u tberik tal-morda u ċelebrazzjoni ewkaristika. Jiffunzjona Mons. M. Azzopardi, Direttur tal-Familja tal-Morda ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija. Din il-ħidma ssir bil-għajnuna tal-Kummissjoni Ħidma Morda ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa.
Mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikun hawn konfessuri barranin għall-irġiel u n-nisa.
4.30 p.m. Quddiesa bil-kant, Omelija u tqarbin, li tgħodd għall-preċett tal-Ħadd.
6.00 p.m. Translazzjoni tar-Relikwija tal-Madonna mill-Eċċellenza Tiegħu Rev.ma Mons. M. Gonzi, Arċisqof Metropolita ta' Malta. Għasar bil-mużika, Kompieta, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Il-Ħadd 26 ta' Settembru — Jum il-Festa:
Quddies bil-kant. Omelija u tqarbin fil-5.00, 6.00, 7.00, 8.00, 11.30 a.m.
9.00 a.m. Kant ta' Terza u Quddiesa Solenni. Wara l-Evanġelju Omelija fuq l-Annunzjazzjoni tal-Madonna mir-Rev. Patri Farrugia O.C., Pirjol ta' S. Venera. Antifona u bews ta' l-idejn tas-saċerdot novell.
5.00 p.m. Għasar bil-mużika u Kompieta.
6.00 p.m. Proċessjoni, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

FESTI TA' BARRA:

Is-Sibt, 25 ta' Settembru — Lejlet il-Festa:
7.30 p.m. Il-Banda 'St. Gabriel' tagħmel marċ, imbagħad programm fuq iz-zuntier tal-Knisja, taħt it-tmexxija tas-Surmast Carmelo Briffa. Jiġi esegwit l-'Innu lil Marija Annunzjata', versi ta' Dun Frans Camilleri, mużika tal-Kav. Dun Karm Scerri, bissehem ta' kor ta' tfajliet mill-Parroċċa.
Il-Banda 'St. Helena' tagħmel marċ u ddoqq Programm fi Pjazza Balzan.
10.30 p.m. Murtali tal-kulur u logħob tan-nar fil-Pjazza tal-Knisja mid-dilettanti Balzanin.

Il-Ħadd, 26 ta' Settembru — Jum il-Festa:
Wara l-Quddiesa Kantata marċ mill-Banda 'St. Gabriel'.
5.00 p.m. Marċi u Programmi minn dawn il-Baned: 'King's Own' fuq iz-zuntier tal-Knisja. 'Duke of Connaught's Own' fi Pjazza Balzan.
Waqt il-Purċissjoni u wara murtali tal-kulur u kaxxi nfernali mid-dilettanti Balzanin.

ID-DISKORS TAĊ-ĊELEBRAZZJONI

Dan huwa d-diskors li sar mit-Tabib Maurice Ellul fl-okkażjoni tal-Festi Nazzjonali nhar is-6 ta' Settembru:

"It-8 ta' Settembru hu jum għażiż għalina l-Maltin. Mill-ibgħad żminijiet, Malta dejjem uriet l-akbar imħabba u qima lejn Ommna Marija Santissima, u għalhekk ma jistax jonqos li dan il-jum, li fih infakkru t-twelid ta' Marija Bambina, ma jkunx għalina lkoll jum għażiż u sagru.

Dan il-jum jibqa' wkoll imniżżel fl-istorja ta' Malta b'ittri kbar tad-deheb u mhux ta' b'xejn li ta' kull sena jsiru festi kbar fit-8 ta' Settembru. Bħalma jgħidilna l-kbir Poeta Nazzjonali tagħna Dun Karm:

'Oh dehra kbira ta' Settembru! Ejja
ġdida kull sena fuq din l-Art maħbuba,
....'
(Dehra tat-8 ta' Settembru 1565)

Veru! B'ittri tad-deheb hu mniżżel dan il-jum fl-istorja ta' artna, għax ifakkarna f'żewġ rebħiet li Malta għamlet fuq l-għedewwa. L-ewwel rebħa kienet dik fuq it-Torok fit-8 ta' Settembru ta' l-1565, u t-tieni rebħa kienet dik fuq in-Nażiżmu u l-Faxxiżmu fl-1942 biddħul f'Malta tal-'convoy' li baqa' jissemma' — 'il-Convoy ta' Santa Marija'.

Qabel ma naraw fuq fuq xi ħaġa fuq dawn iż-żewġ rebħiet, ta' min isemmi x'igħidilna Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali Malti, f'waħda mill-poeżiji tiegħu li jisimha 'Lil Malta — Fuq il-Fruntiera'. Dun Karm igħidilna hekk:

'Dejjem rajtek sabiħa, o Malta tiegħi,
Fil-libsa mżewqa li int ħdimt mas-snin,
Libsa li taf is-sengħa f'bosta friegħi,
Minsuġa b'ħajt l-Imħabba w it-Twemmin.'

'Bl-Imħabba w it-Twemmin' igħidilna l-Poeta' U tabilħaqq dawn kienu ż-żewġ prinċipji li dejjem ħeġġu lill-Maltin fuq il-fruntiera. Għax barra l-qlubija u l-kuraġġ li qatt ma naqsu f'niesna, il-Maltin qatt ma warrbu minn qalbhom l-imħabba lejn art twelidhom u t-twemmin fir-reliġjon li żara' fina l-Appostlu Missierna San Pawl. Dan it-twemmin sod fir-reliġjon ta' Kristu msieħeb ma' l-imħabba lejn Ommu Marija Santissima dejjem ħeġġeġ lil missirijietna u dejjem qalgħalhom il-grazzja li jeħlbu lill-għadu li ġie jaħbat għalina.

Il-Madonna minn dejjem urietna li daħlet għalina fit-taqbid, għax ħafna mir-rebħiet li għamlet Malta huma msieħbin ma' xi jiem ta' festa ta' Ommna Marija Santissma. Nieħdu żżewġ rebħiet li qed niftakru fihom illum. Fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565, it-Torok telqu millħbit tagħhom fis-7 ta' Settembru ta' dik is-sena, u l-għada, jiġifieri fit-8 ta' Settembru, il-festa tat-twelid tal-Madonna, Malta sfat ħielsa. Nieħdu t-tieni Assedju, dak ta' l-1942. Malta kienet bil-ġuħ, fl-aħħar nifs ta' ħajjitha, biex ingħid hekk, taħt assedju qalil mill-għedewwa tad-demokrazija. Iżda l-Madonna ma nsitniex, għax fil-15 ta' Awissu ta' dik is-sena, il-festa ta' l-Assunta, daħal il-'convoy' ta' Santa Marija. Malta salvat u baqgħet sa ma rebħet.

Fiż-żewġ Assedji Malta ġarrbet esperjenzi paralleli. Xejn ma kellha x'tirbaħ billi qabdet l-armi, l-ebda art ma kellha x'taħkem, l-ebda ġlieda ma kellha ma' ħaddieħor — l-unika xewqa ta' Malta kienet dejjem li toqgħod bi kwietha fil-paċi.

(ikompli f'paġna 3)

STARLETS
284, HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS, NEWSPAPERS AND CIGARETTES
Telephone: 41644

Il-Kelma tal-Kappillan

IT-TWAJJEB PAPA ĠWANNI XXIII KELLU SPISS FUQ XOFFTEJH IL-KELMIET: 'EJJEW INFITTXU AKTAR DAK LI JISTA' JGĦAQQADNA MILLI DAK LI JISTA' JIFRIDNA". FUQ DAWN IL-KELMIET TANT SBIEĦ TA' DAN IL-BNIEDEM QADDIS U UMLI XTAQT NAGĦMEL XI FTIT RIFLESSJONIJIET, BĦALA MISSIER SPIRITWALI TAL-PARROĊĊA, 'DIN L-EWWEL ĦARĠA TAL-GAZZETTA "TAGĦNA", TAGĦNA L-BALZANIN.

-ħsieb stess li tiġi pubbli- a din il-gażżetta kien tabil- q dak li jgħaqqad lin-nies Ħal Balzan, billi jagħtihom ħrif fuq l-imgħoddi ta' jiżhom ħalli jħobbuh ak- billi turihom kif jistgħu ħmlu 'l Ħal Balzan dejjem ħ u aħjar, u hekk jieħdu ar interess fih. Jiena rrid pprofitta minn din l-okkaż- i biex nixtieq minn qalbi li il-gażżetta ċkejkna tkun sew katina li torbotna lkoll nkien fil-għan li nħobbu lil xin u lill-Pajjiż ċkejken, ma ħelu tagħna u naħdmu x nagħmluh dejjem aktar raenti għalina u għal dawk iġu jżuruna.

Okkażjoni oħra tajba ferm u għandha tgħaqqadna fi eb wieħed hija l-festa titu- i li aħna qegħdin niċċele- braw. Ilkoll kemm aħna ilna nħejju għaliha, u nixtequha li tasal. Din is-sena tabilħaqq li waslet aktar tard minn snin oħrajn, imħabba ċirkustanzi li jafhom kulħadd, imma xorta waħda nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex nifirħu flimkien, l-ewwelnett spiritwalment, imbagħad anke soċjalment. Irrid ninsisti fuq l-aspett tal-festa li jmiss lir-ruħ, li għandu jkun l-ewwel ħsieb ta' kull ċelebrazzjoni liturġika. Nixtieq li għall-funzjonijiet tal-Knisja, li aħna nagħmluhom bl-akbar dekor u serjeta', jieħu sehem il-poplu kollu. Bi ftit ta' rieda tajba, nistgħu lkoll inkunu l-Knisja għall-jiem tal-festa. Il-jiem tat-tridu ħejjewna mill-qrib biex nifhmu l-vera tifsira tat-tħabbira ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla. Issa jmissna lkoll nattendu għat-traslazzjoni tar-relikwija, li ser jagħmilha Monsinjur Arċisqof, il-maħbub mexxej spiritwali tagħna. Għall-funzjonijiet l-oħra ta' lejliet u nhar il-festa, din is-sena għandna raġuni speċjali li nattendu, għaliex ser ikunu mmexxija minn saċerdot novell, imwieled u mrobbi fostna il-Karmelitan Father Louis Bajada, li rrid nieħu din l-okkażjoni biex nifraħlu f'ismi u f'isem il-kleru u l-poplu kollu tal-Parroċċa, u nawguralu kull għajnuna tal-Mulej fix-xogħol li għad irid jaħdem bħala saċerdot.

Ħalli mbagħad nifirħu wkoll u nieħdu sehem flimkien fil-parti soċjali, jew folkloristika tal-festa; ħalli mmorru wara l-baned, ħalli naraw il-murtali sbieħ li soltu jagħmlulna d-dilettanti tal-Parroċċa, kif ukoll il-logħob tan-nar ta' l-art, ħalli nieklu xi ħaġa forsi aħjar minn ġranet oħra ta' matul is-sena, ħalli nixorbu xi ħaġa li tferraħna. Dan kollu tajjeb li jsir, imma ma jkun jiswa xejn jekk ma niħdux sehem ilkoll kemm aħna mill-ikla li ħejjielna l-Mulej, itqarbina ta' nhar il-festa. Il-Verġni Annunzjata tieħu gost tarana magħqudin biex niċċelebraw il-festa tagħna, imma nibqgħu żguri li xejn ma tifraħ bina jekk nhar il-festa tagħha ma nersqux lejn l-altar biex nissaħħu bl-ikel u x-xorb tal-ġisem u d-demm ta' Kristu. Tkun l-aktar ħaġa li tagħmilna ħaġa waħda, li tgħaqqadna flimkien fl-imħabba ta' Alla u ta' xulxin.

LIL OMMNA MARIJA

"Sliem għalik, bil-
grazzja mimlija."

**Meta fl-għaxija
F'soddti nintafa',
Lejk, o Marija,
Ħsiebi jintrafa'.**

**Għax il-Messija
Lilek biss rafa'
Mill-ewwel ħtija,
Mera tas-Safa!**

**Isma' t-talb tiegħi
F'ġieħ it-tbatija
T'Ibnek Mislub:**

**Kun dejjem miegħi
Biex, ħsiebek fija,
Naħrab id-dnub.**

VICTOR MIFSUD

ŻOMMU

ĦAL BALZAN

NADIF

ĠRAJJIET TFULITI

minn ANTON

LEJLIET IS-SALVATUR TLAJT DAQSXEJN FUQ IL-...JT SABIEX NARA L-MURTALI TAL-KULUR. BILLI KIEN ĦADU L-ĦIN, BDEJT INĦARES MADWARI U OĦROĠ IL-ĦAĠEB ĠRAJJIET TFULITI ĦLOMTHOM WAĦDA WARA OĦRA, ERĠAJT SIRT TIFEL!

Min hu ta' mpari jiftakar il-...rruba tal-Fuli, fuq il-...emin ...-knis a. Wara l-Ave Marija hidu ...i jidher il-ħares u ...oġġi sewwa sew f'nofs din il-...rruba. Darba fost l-oħrajn ...ttlilna naraw x'sura kellu ...n il-għafrid. Armati sa ...ienna, bit-tub u l-ġebel, er-...qna, b'imsarinna f'saqajna, ...swit is-siġra u f'għamża għajn ġovru ġuvnott ....da jingħi u jmaħmaħ għax ...ien laqqatha ġmielu.

Fi Sqaq id-Dingejru, 'l ġew-...a mill-qatgħa, fix-xhur tas-...ajf, erħilna nagħmlu t-teat-...n. Min jidħol kien iħallas ...tta. Spejjeż kien ikollna, bal-...ċ! Ġużu u Ġanni kienu jiż-...għu xi xena, Ninu kien jikteb ... dramm, u wara li nitgħall-...u l-parti tagħna, konna naħ-...muh fis-sqaq. Forsi xi ħadd li ...ed jaqra jiftakar f'xi sitta li ...orsi ħallas biex ra xi dramm ...inn tagħna ħdejn ix-xatba ...al-Lorbu.

Forsi, jewwilla, mhux ħafna ...ġiel ta' Ħal Balzan tal-lum, ...al ta' dari, jiftakru fl-għalqa ...' ħdejn il-Konti fejn kienu ...ntlagħbu partit waħda isbaħ ...ill-oħra? Il-ġirien jiftakru ...gur, għax il għajjat ta' 'goal' ...ont tisimgħu minn ħdejn is-...iġar! Kollox spiċċa, jaħasra!

Ġo sqaq iż-Żekkuk kellu l-... għalqa raġel twajjeb, igħodd aktar minn erba' għexieren. Konna ngħajtulu 'In-nannu'. Iżda ta' tfal li konna mhux l-ewwel darba li tellajnielu l-mirra u ġera warajna bil-minġel tas-silla. Alla jaħfirlu miskin!

Fost il-ħwejjeġ li għaddew minn għala moħħi, kienet meta kienu jiġbruna, aħna t-tfal ta' wara Santa Marija, u żewġt irġiel, illum mejta t-tnejn, imsieken, kien jfiġġu minn ġo twejqa u jsaqsuna għarenija: 'Tfal, intom tħobbuha 'l-Lunzjata?' Aħna lkoll flimkien, b'ilħna rqaq ta' tfal, konna nwieġbu dlonk: 'Iva'. F'għamża t'għajn, qabel ma wieħed jilħaq igħid papa, kemm kellhom ħelu kienu jkeskuhulna u aħna lkoll ninqalbu fl-art b'għors kbir ta' dawn it-talin.

Kien għadni noħlom u moħħi jimraħ fl-imgħoddi meta murtal tal-bomba, sintendi sabiex iħabbar sensiela ta' sparar ieħor, ġiebni f'tiegħi, dlonk żiedli għoxrin sena u meta ħriġt il-maktur u ħassejt irradda fuq ġbini, ntbaħt li erġajt sirt li kont ftit tal-ħin qabel. Għal ftit minuti kont sirt tifel, bdejt naħseb u ngħix ta' tifel; insejt il-għelt tal-ħajja u tpaxxejt bħal ma taf togħxa qalb ta' tifel ferrieħi.

WHEN IN VALLETTA SHOP AT

MARY'S HOUSE

7, CASTILLE PLACE,

VALLETTA, MALTA

LEADING STORE IN

MALTA LACE & SOUVENIRS

ID-DISKORS TAĊ-ĊELEBRAZZJONI

(ikompli minn paġna 2)

Darbtejn ġiet imdaħħla u mġiegħla tirreżisti l-qawwiet armati ta' għadu setgħani u kburi. Għalkemm ċkejkna ħdejn in-nazzjonijiet, Malta dejjem għażlet it-triq ta' l-unur u għexet għall-idejaliżmu, għall-wirt storiku ta' ħelsien, u għat-tradizzjonijiet spiritwali tal-ġens tagħha. Għal dan il-għan Malta ħallset prezz għoli. Il-kampanja kulurita u sabiħa tagħha tnezżgħet minn sbuħitha. Il-prodotti ta' għaraq il-bdiewa tgħaffġu u nħlew. Il-villaġġi sofrew it-tiġrif u l-fjammi. Il-bliet venvnu u triegħdu taħt il-bombi u l-biki u t-tnehid ta' min iġarrab it-tbatija u l-uġigħ ta' qabel il-mewt. Monumenti u bini storiku tfarrku u sfaw borġ ġebel taħt it-toqol tal-ħbit. Imma fuq kollox il-mewt għamlet tagħha u fiż-żewġ Assedji ħatfet minn fost qrabatna u ħbiebhom il-fjur tażżgħożija u l-irġiel fl-aħjar tagħhom. Nisa, xjuħ, u ċkejknin sfaw bla rġiel, ulied, u ġenituri. Sfaw bla saqaf ukoll għax Malta kollha kienet il-kamp tal-battalja.

Imbagħad wara li ta ħjiel ta' l-esperjenzi kiefra li ġarrbu l-Maltin u tal-qlubija li wrew fiż-żewġ Assedji, t-Tabib Ellul temm id-diskors tiegħu hekk:

Rajna mmela l-prinċipji li għalihom iġġieldu missirijietna. Iġġieldu għall-imħabba lejn art twelidhom biex ma jarawx lil Malta mirbuħa u mkasbra mill-għedewwa; iġġieldu wkoll għat-twemmin biex ma jħallux lill-għedewwa jbegħduna minn dak it-twemmin li bih Missierna San Pawl laqqam qlub missirijietna. Ejjew mela nitħeġġu u ma nwarrbux minn qalbna dawn iż-żewġ prinċipji. U meta jasal dan il-jum sabiħ tat-8 ta' Settembru nagħtu qima lil missirijietna b'qalbna mimlija bl-imħabba u t-twemmin u mhux b'tifħir 'al-fomm biss. Dun Karm fil-poeżija tiegħu 'Lil Malta — tal-Lum u ta' Għada' jwissina fuq dan u jgħidilna:

'isma' minni, tersaqx bit-tifħir
f'fommok,
bir-rand f'idejk quddiem il-
Monument.'
Ma nħallux li gidba jsir it-tifħir
tagħna".

AD MULTOS ANNOS

Ix-xewqat sbieħ tal-membri tal-Kumitat Ċiviku jaslu lis-saċerdot novell Patri Louis Bajada, Karmelitan, u lill-familja tiegħu għal din ix-xorti kbira tagħhom. U billi ħafna mill-parruċċani nsewh, billi ilu għaxar snin nieqes minn fostna, jew forsi lanqas biss jafuh, se nagħtu xi tagħrif dwar dan is-saċerdot żagħżugħ wild Ħal Balzan.



Patri Louis Bajada twieled Ħal Balzan fis-6 ta' Lulju, 1945, u ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali tal-Lunzjata. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu l-ewwel fl-iskola primarja tal-gvern u aktar tard fil-Kulleġġ 'Mount Carmel'. Patri Bajada ħa l-edukazzjoni reliġjuża tiegħu mis-Soċjeta' tal-MUSEUM, li tagħha kien membru fil-qasam ta' Ħal Balzan. Kif stqarr huwa nnifsu, kienet il-ħeġġa u d-dixxiplina tal-ġenituri tiegħu flimkien mal-formazzjoni spiritwali li ħa mill-MUSEUM li kebbsu fih imħabba kbira għall-vokazzjoni saċerdotali.

F'Ottubru ta' l-1964, Patri Louis beda n-novizzjat tiegħu. Sentejn wara beda l-kors tal-filosofija fil-Kulleġġ 'St. Cyril' ta' San Ġiljan, imbagħad wara dan il-kors teoloġiku fl-I.N.S.E.R.M. Sadanittant, Patri Bajada wettaq ħidma pastorali kemm fil-'Youth Centre' ta' Ħal Balzan kif ukoll bħala direttur tal-'Legion of Mary' ta' Tas-Sliema. Huwa kellu f'idejh ukoll il-kor tal-knisja tal-Patrijiet Karmelitani f'San Ġiljan għaliex wara l-ħidma ta' l-appostolat Patri Bajada għandu ferm għal qalbu l-kamp mużikali. Wara tliet snin kors tat-teoloġija, Patri Louis Bajada ġie ordnat saċerdot nhar il-5 ta' Settembru ta' din is-sena minn Mons. Arċisqof fil-Knisja tal-Karmnu tal-Belt.

Issa huwa għandu jibda x-xogħol pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' Santa Vennera, fejn x'aktarx ikollu fi ħsiebu l-'Youth Centre' t'hemmhekk. Għalkemm maqtugħ minn raħal twelidu. Patri Bajada għad għandu f'qalbu l-parroċċa tagħna, u jinsab lest li fil-ħin liberu tiegħu joffri s-servizz tiegħu lill-parroċċa. Huwa ħassu ferm onorat meta ġie mistieden sabiex imexxi l-funzjonijiet tal-festa titulari, u, kif qal huwa stess: "dan huwa l-akbar rigal li setgħu jagħtuni l-parruċċani kollha".

Ix-xewqa waħdanija li jixtieq mill-Balzanin Patri Bajada hija li: "titolbu għalija sabiex inkun saċerdot mhux tal-libsa imma ta' l-ispirtu, kif jixtieq Sidna Ġesu' Kristu."

KONT TAF LI..

★ *L-popolazzjoni ta' Ħal Balzan illum tlaħħaq 'il fuq minn 3,000 ruħ.*

★ *Ħal Balzan inqata' minn Birkirkara u sar parroċċa għalih fl-14 t'Awwissu, 1655.*

★ *L-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali tqiegħdet fis-26 ta' Diċembru, 1669.*

★ *It-tieni kappillan ta' Ħal Balzan kien Dun Duminik Ellul, u dam 32 sena f'din il-kariga.*

★ *L-Knisja Parrokkjali ġiet imbierka mill-Isqof Cocco Palmieri fit-23 ta' Jannar, 1695.*

★ *L-Knisja Parrokkjali damet tinbena 26 sena.*

IL-FESTA TAL-LUNZJATA FL-IMGHODDI U LLUM

Kien tassew ħsieb tajjeb li l-ewwel għadd ta' din il-gazzetta joħroġ proprju fil-jiem tal-festa titulari tal-Parroċċa tagħna, jiem li kull Balzani jkun jistenna b'ħerqa kbira minn sena għal oħra. Għax, ngħiduha kif inhi, liema hu dak il-Balzani li m'għandux għal qalbu l-festa tal-Lunzjata? Din il-festa għażiża kienet minquxa fil-qlub ta' missirijietna, u llum nifirħu ngħidu li l-festa titulari għad għandha post prominenti fi qlub il-Balzanin kollha.

minn BALZANI

U għalhekk jixraq li ngħidu xi ħaġa dwar kif kienet tiġi ċċelebrata dari l-festa tal-Lunzjata u nqabbluha ftit ma' kif qed tiġi ċċelebrata llum. L-ewwelnett, fl-antik, il-festa tal-Lunzjata kienet tiġi ċċelebrata sewwasew fil-jum proprju tagħha, jiġifieri fil-25 ta' Marzu. Iżda billi dan il-jum jaħbat fi żmien ir-Randan, il-festa kienet ġiet mitfugħa għaż-żmien ta' fuq Għid il-Kbir, u b'hekk il-festi esterni kienu aktar imorru mal-liturġija tal-Knisja. F'dawn l-aħħar snin, imbagħad, il-festa ġiet trasferita għal Ġunju, kemm minħabba esiġenżi liturġiċi, kif ukol sabiex l-ajru jkun laħaq qagħad sewwa.

Il-festi esterni tal-Lunzjata kienu jiġu ċċelebrati b'pompa l-aktar kbira. Dan tixhdu kitba ta' Dun Xand Cortis D.D., kittieb Malti minn Ħad-Dingli, li kien joqgħod Ħal Balzan, x'aktarx bejn is-snin 1886 u 1888 (1). Għalkemm Dun Xand dam sentejn biss igħix fir-raħal tagħna, milli jidher baqa' nteressat ferm fil-festa tal-Lunzjata, għax fl-1895 kiteb hekk fuq il-festa ta' dik is-sena:

"Il-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan issir tas-sewwa bil-kbir." Igħid ukoll:

"......lejlietha fil-għodu saret ħaġa sabiħa wisq, li ma niftakarx, li dari ssir snin oħra" (2).

Dan kien il-marċ ta' wara t-'Te Deum' li fih daqqet "il-famuża banda 'La Vallette'." Għalkem illum dal-marċ inqata', mis-sena li għaddiet 'l hawn beda jsir marċ nhar il-festa fil-għodu kif tispiċċa l-quddiesa kantata. Dal-marċ isir mill-Banda San Gabriel li fi żmien Cortis ma kinetx twaqqfet. Issehem tal-baned fil-festi llum kiber ferm minħabba li tista' tgħid, kull raħal għandu l-banda tiegħu. Ta' min isemmi li l-Banda La Vallette fl-1895 ħallasha minn butu s-Sur Tonin Azzopardi, li, fi kliem Dun Xand innifsu, kien "raġel ħabrieki wisq għall-festa tal-Lunzjata."

Il-baned fil-festa Maltija mhumiex l-attrazzjoni ewlenija. Il-logħob tan-nar għandu parti xejn anqas importanti. Il-festa tal-Lunzjata tkun imżewqa wkoll b'logħob tan-nar moderat li jagħmel il-festa aktar ħajja u attraenti. In-nar kollu li jinħaraq fil-festa tal-Lunzjata jinħadem mid-dilettanti tar-raħal. Din hija drawwa qadima ħafna, u l-istess Cortis isemmiha fil-kitba tiegħu li għadna kif semmejna:

"Minn żmien qabel dil-festa, fil-ħin tas-serħ, u fil-għaxija bil-lejl, tilmaħ qatgħa żgħażagħ miġbura flimkien jitkellmu fuq il-festa u jaħdmulek għall-festa bosta logħob tan-nar." U aktar 'il quddiem jissokta:

"L-aqwa li jkun hemm x'tara, il-logħob tan-nar (li jinħadem mit-tfal tar-raħal)."

Dun Xand ma naqasx li jagħtina wkoll xi ħjiel ieħor dwar il-festa tal-Lunzjata. Huwa semma t-toroq "imżejna sabiħ ħafna", il-ħafna bnadar jittajru fuq il-bjut, il-mixegħla, li dak iż-żmien allura kienet bl-imsiebaħ taż-żejt, il-briju u l-għajjat li kien isir fil-marċijiet...... Insomma, tana dehra milquta tar-raħal ta' Ħal Balzan 'en fête'. Illum l-istess karatteristiċi li semma Cortis għadna narawhom, biss uħud minnhom taħt sura differenti minħabba l-mogħdija ta' madwar tmenin sena żmien u l-bidliet li ġabu magħhom dawn is-snin.

Barra l-festi esterni, tajjeb ngħidu xi ħaġa dwar il-festi li jsiru fil-knisja, li wara kollox huma l-qofol ta' kollox. Il-festi nterni naturalment jiftħu bi tlett ijiem tridu bħala thejjija. It-tridu tal-Lunzjata minn dejjem kien xi ħaġa li ssaħħar, l-aktar minħabba l-ħlewwa ta' mużika li jkun fih. Il-Balzanin minn dejjem ħarsu lejn it-tridu tal-festa bħala xi ħaġa li mhux ta' min jitlifha, u b'hekk tarahom, dari aktar mil-lum, iħaffu lejn il-knisja ħalli ma' l-aħħar mota tal-qniepen ikunu diġa' ntasbu f'post tajjeb. It-tridu għadu kif kien fl-antik, jiġifieri jibda bl-għasar, imbagħad il-priedka, tingħad il-kurunella, jitkantaw l-innu u l-Antifona, u jagħlaq bil-barka Sagramentali. Biss, minn xi snin 'l hawn ġiet imdaħħla quddiesa letta, u għalhekk il-priedka tat-tridu m'għadhiex twila bħal qabel. Fil-jiem tat-tridu fil-għodu ssir ukoll quddiesa kantata bil-ministri.

Lejlet il-festa fil-għaxija ssir it-traslazzjoni u warajha jitkanta l-għasar. Dun Xand Cortis kiteb hekk fuq l-għasar ta' lejlet il-festa:

"Mbagħad jibdielek il-għasar b'mużika tas-sewwa gwappa, fejn aktarx kull sena l-'Laudate' jitkanta mit-tfal bi ħlewwa ta' l-anġli."

U tassew kont titgħaxxaq tisimgħu l-kant tal-'Laudate'! Illum dan m'għadux jitkanta mit-tfal, li kien jiġi mgħallem lilhom b'sabar l-aktar kbir. (Naturalment, xi stonatura ma kinetx tonqos!) Biss, kollox ma' kollox tassew kien ikun sabiħ.

Nhar il-festa fil-għodu kien isir il-matutin. Dan illum inqata' minħabba d-dispożizzjonijiet ġodda tal-liturġija. Imbagħad, fid-disgħa titkanta t-terza u malajr toħroġ il-quddiesa kantata, li, fi kliem Dun Xand, "issir b'mużika xejn anqas gwappa mill-ewwel għasar". Wara l-Vanġelu jintiseġ il-paniġierku lil Marija mħabbra mill-Anġlu.

Wara nofs in-nhar, imbagħad, jerġa' jitkanta l-għasar u tibda ħierġa l-purċissjoni. Hawn il-festa tkun laħqet il-quċċata tagħha. Hekk kif tidher il-vara tal-Lunzjata f'bieb il-knisja

"Il-briju jkun kbir. Tifqigħ ta' bombi, u sparar ta' maskli bl-addoċċ, baned mill-aħjar, ħafna qassisin u kjeriċi jakkumpanjaw, kappillani ma jonqsux". (3)

Fl-antik, waqt li l-purċissjoni kienet tkun għaddejja minn quddiem il-knisja l-qadima tal-Lunzjata fi Triq it-Tliet Knejjes, il-kleru li kien ikun jakkumpanja kien jidħol fil-knisja u hemm kienet titkanta l-antifona u jingħad l-'Oremus'. Din id-drawwa llum inqatgħet. Il-purċissjoni mbagħad tissokta triqtha lejn il-knisja.

"Mat-triq ma tarax ħlief xita ta' fjuri u poeżiji niżlin fuq il-vara għażiża tal-Lunzjata" (4). Iżda fil-waqt li dari kien jinxteħet fuq il-vara x'aktarx ward frisk, ward li għalih il-ġonna ta' Ħal Balzan huma hekk imsemmija, illum jinxteħet ward artifiċjali magħmul minn karti mlewnin. B'hekk naraw li l-progress li sar fi żmienna, għalkemm ġab ħafna ġid u tefagħna ferm 'il quddiem, ġab miegħu wkoll nuqqas ta' oriġinalità u ċerti drawwiet ta' dari llum għebu fix-xejn.

L-istess ngħidu għal drawwa oħra, li llum spiċċat, li kienet teżisti fil-festa tagħna. Hekk kif il-vara kienet toqrob lejn izzuntier, ġemgħa ta' żgħażagħ bit-torċi mixgħula f'idejhom kienu jmorru jilqgħuha. Nistgħu forsi nġibu xi ftit quddiem għajnejna x'dehra sabiħa kienu joħolqu dawk il-fjammi tan-nar fid-dalma ta' fil-għaxija. Illum għandna d-dawl elettriku li, sa ċertu punt, jagħti dehra isbaħ lill-festi tagħna. Biss jibqa' l-fatt li drawwiet bħal dawn li semmejna kellhom ċertu seħer li invenzjonijiet moderni ma jistgħux jipprovdu.

Mad-dħul tal-purċissjoni fil-knisja titkanta l-antifona u l-festa tintemm bil-barka Sagramentali. Dan li tajna kien biss tagħrif fil-qosor dwar il-festa titulari tagħna. Imma għandu jkun biżżejjed sabiex iħeġġiġna lkoll, kulħadd skond il-ħila tiegħu, sabiex inkabbru dejjem aktar il-festa għażiża tagħna tal-Lunzjata.

(1) Ara "Il-Bennejja tal-Folklore Malti" ta' Ġ Cassar Pullicino — Paġna 66.
(2) Minn "L'Evanġeliu Mkaddes tal-Lunziata" ta' Dun Xand Cortis.
(3) Ibid. Dun Xand Cortis.
(4) Ibid. Dun Xand Cortis.

VALLEY BUTCHER

JOHN PULLICINO

FOR FIRST CLASS MEAT AND SERVICE

121, VALLEY ROAD, BALZAN

Telephone: 42066

SPORTS

— *Minn J.C.* —

Dan l-istaġun li dalwaqt jiftaħ se jkollna tlett teamijiet jikkompetu fil-kompetizzjonijiet tal-MFA.

Fit-tielet diviżjoni,, fir-"reserves" tat-tielet diviżjoni, u fil-"Minors". Lill-kumitat il-ġdid nifirħulu. Diġa' wriena li beda' jaħdem bis-serjeta', u nispera li naraw lit-teamijiet tagħna jieħdu xi unuri.

Issa li beda t-"training" nisperaw li naraw iżjed players jittrenjaw u nixtiequ li jieħdu kollox bis-serjeta'. Nafu li meta jkun hemm is-serjeta' kollox jista' jsir, u ta' dan għandna l-eżempju ta' l-istaġun l-ieħor meta t-team tal-"Youngstars" rebaħ il-league tal-Under 16. Nisperaw li fil-ħarġa tal-gazzetta ta' wara din inkun nista' ngħidilkom fuq l-ewwel logħbiet tat-tlett teamijiet. Bil-ftehim mal-kumitat tal-Football sejrin nagħtu trophy lil-aħjar player mit-tlett teamijiet. Dan qegħdin nagħmluh biex naraw iżjed entużjażmu.

Issa li għidna ħafna fuq il-players u fuq il-kumitat nixtieq ngħid xi ħaġa lill-Balzanin kollha. Jekk it-teamijiet tagħna ma jkollhomx is-support tagħna l-entużjażmu tal-kumitat u l-players jonqos. Mela biex naraw lil Ħal Balzan jikseb xi unur immorru nissapportjaw lit-tlett teamigia M.D. (Genova).

Nixtiequ nirringrazzjaw minn qiegħ qalbna lil dawk kollha li taw l-għajnuna finanzjarja tagħhom għall-ħruġ ta' din il-gazzetta. Infakkru li mingħajr għajnuna bħal din ma nkunux nistgħu llaħħqu ma' l-ispejjeż ta' l-istampa.

HAL BALZAN

RAHAL NADIF.

THAMMĠUX!

KUNSILL EŻEKUT 1970/71

President:
Ir-Rev. Kan. Dun
Sciberras (Kappillan
Segretarju:
Is-Sur Guido Borg
Kaxxier:
Is-Sur Valentino
cat.
V/President:
Is-Sur Victor Del
Ass. Segretarju:
Is-Sur Philip Call
Membri:
Ir-Rev. Dun Ġw
Dimech.
Il-Maġġur Francis G

PRESIDENTI TAL KUMITAT ĊIVIKU

1967/69 Is-Sur Jo Farrugia
1969/71 L-Avukat Joseph Borg Olivier Puget L.L.D.
1971 — Ir-Rev. Kan Karm Sciberras (Kap lan).

IL-GHAN TAL-KUM ĊIVIKU

Il-Kumitat Ċiviku — zan ra l-bidu tiegħu m 15 ta' Diċembru, 1967, mitat innifsu approva għall-istess Kumitat. D istatut kien ġie ppre mill-Kummissjoni m fil-laqgħa ġenerali tal Diċembru, 1967.

Fil-bidu ta' l-istatut l-għan li għalih ġie m il-Kumitat Ċiviku. Da għan igħid hekk:

'Il-Kumitat Ċiviku— jieħu ħsieb li jħares l-a u l-interessi ta' Ħal Ba n-nies li joqogħdu fih, tex dejjem li jtejjeb il- tagħhom, u għalhekk l-ilmenti jew talbiet tag kif u meta jixraq, lill- jew awtorita' koncernat

Barra minn dan, il-K Ċiviku għandu b'għan wkoll 'li jippromwovi Balzan attivitajiet ċiviċi jali, kulturali u edukati

Il-Kumitat Ċiviku qed dem kemm jista' biex jil għan imsemmi, u għa jixtieq jistieden lill-Ba kollha sabiex igħinuh xogħol tiegħu.

Il-membri tal-Kumitat iku — Balzan huma d ġejjin:

MEMBRI TAL-KUMITAT ĊIVIKU

Rappreżentanti ta' l-Għaqdiet

Kleru	Ir-Rev. Kan. Dun Karm Sciberras Kappillan
	Ir-Rev. Dun Ġwann Dimech.
Azzjoni Kattolika	Is-Sinjura Iris Guillaumier.
	Is-Sur Paul Licari.
M.U.S.E.U.M.	Is-Sur Victor Delicata.
Legion of Mary	Il-Maġġur Francis Grima.
	Is-Sur Victor Tortell
Każin Maria Annunzjata	Is-Sur Charles Chetcuti.
	Is-Sur Charles Bonello.
Każin tal-Banda San Gabirjel	Is-Sur Gabriel Caruana.
	Is-Sur Guido Borg.
Balzan Yauths F.C.	Is-Sur Philip Callus
	Is-Sur Anthony Fenech.
Għaqda Żgħażagħ Balzanin	Is-Sur John Darmanin.
	Is-Sinjorina Josette Zammit. B.A. (Hons.)
Edukazzjoni	Is-Sur Valentino Muscat.
Membri Individwali	L-Avukat Joseph Borg Olivier De Puget LL.D.
	It-Tabib Chev. Paul Farru- M.D. (Genova).
	Il-Perit Edwin Calleja A & C.E.
	Is-Sur Joseph Farrugia
	Is-Sur Arthur Castillo.
	Is-Sur Valentino Chetcuti.
	Is-Sur Anthony Galea
	Is-Sur Charles Bezzina.